TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 95/11

**Jean Mifsud**

**vs**

**Romano Cassar Ltd.**

Illum 9 t'Awwissu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-22 ta' Frar, 2011 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' ħamsin ewro (€50), rappreżentanti depożitu fuq fjuri tat-tieġ li wara li rċieva l-kont induna li l-VAT ma kienx indikat oriġinarjament.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ordna l-fjuri għat-tieġ u li ħallas ħamsin ewro (€50) depożitu. Ir-rikorrenti qal illi kien talab għal stima u wara li ħareġ il-kont induna li l-istima kienet mingħajr VAT, u meta ħareġ il-kont il-VAT ġie inkluż.

Is-soċjeta' intimata da parte tagħha ssottomettiet illi r-rikorrenti dejjem kien infurmat illi hemm il-VAT u li għalhekk it-talba tiegħu mhijiex ġustifikata li jikkanċella l-ordni.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota li hemm konflitt ta' verżjoni, pero' qiegħed jemmen lis-soċjeta' intimata.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE (+356) 21227070. FAX (+356) 21239888